BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 14/13 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 12 ta' Diċembru 2013 fil-5.30pm**

| *Preżenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Aġent Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skużati** | **Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace** |

## *AĠENDA -1*

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 13/13 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. S.Zammit ippropona u J.Baldacchino issekonda mozzjoni biex il-Minuti Nru. 13/13 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## *AĠENDA -2*

*01/12 -* Tressqu quddiem il-Kamra żewġ talbiet simili minn sidien ta' ħwienet fil-Bajja s-Sabiħa, talba sabiex il-Kunsill Lokali jagħti l-approvazzjoni tiegħu ħalli jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fuq il-*promenade*. Wara diskussjoni l-Kamra, għalkemm qablet fil-prinċipju, ma laqgħatx din it-talba, pero' l-Kamra unanimament qablet sabiex jinbeda l-proċess ta' *Bye-Law* li tirregola tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet u b'hekk ikun hemm proċess/regoli stabbiliti biex sidien ta' ħwienet ikunu jistgħu japplikaw.

*02/12-* Tressaq quddiem il-Kamra lment ta' residenta fir-rigward ta' xogħol li sar fi Triq Salvatore Cachia Zammit. Minħabba li x-xogħol sar min-naħa ta' TM, il-Kamra qablet li ma tiddiskutiex dan l-ilment iżda tirreferi r-residenta lill-istess TM.

*03/12-* Residenti minn Triq il-Fossili ressqu petizzjoni quddiem il-Kunsill Lokali sabiex issir *road hump* fil-viċinanzi tal-kisra ta' Triq il-Fossili kantuniera ma' Triq Herakles minħabba l-periklu li hemm f'dan il-post. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tibda l-proċess u tagħmel applikazzjoni għal din ir-*road hump* lil Transport Malta.

*04/12-* Saret talba minn resident sabiex issir *barrier* quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq San Ġorġ minħabba allegat parkeġġ fuq il-bankina. Wara diskussjoni, fejn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kamra bil-*policy* tal-Kunsill Lokali fir-rigward ta' *U-Shaped barriers,* il-Kamra unanimament qablet li jekk il-wisa' tal-bankina tippermetti li titwaħħal *U-Shaped barrier* (jibqa' dawl ta' metru jew aktar) il-Kunsill Lokali ma jsibx oġġezzjoni biex jilqa' t-talba tar-resident bix-xogħol kollu jsir a spejjeż tiegħu.

***<u>AĠENDA -3</u>***

- Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti s-Sejħa Pubblika Nru. 03/13 – Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi. Il-Kamra unanimament qablet li qabel tiddiskuti din is-sejħa pubblika għandu jinħatar bord sabiex jevalwa l-offerti kollha u jagħmel ir-rakkomandazzjonijet lill-Kunsill Lokali. Għaldaqstant il-bord approvat mill-Kamra se jkun magħmul mis-Sindku, J.Farrugia u mill-Kunsillieri, J.Baldacchino, S.Zammit u C.Cachia.

- Kwotazzjoni Nru. 08/13 – *Online Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

| **Name** | **TND No.** | **Item a)** Equipment + 4 Years Streaming | **Item b)** 4 Years Maintenance Agreement | **Item No. 3** | **Remarks** Total: |
|---|---|---|---|---|---|
| Correct Termination Ltd | 1 | €4,897.00 | €590.00 | | €5,487.00 |
| AID Ltd | 2 | €4,590.10 | €978.00 | | €5,568.10 |
| Smart Technologies Ltd | 3 | €4,024.98 | €708.00 | | €4,732.98 |

Wara diskussjoni l-Kamra għażlet lill-kuntrattur Nru. 3 – Smart Technologies Ltd. minħabba li kien l-orħos wieħed.

- Kwotazzjoni Nru. 07/13 – Provista ta' *Garbage Bags*

| **Name** | **TND No.** | **Item No. 1** 32" x 42" | **Item No. 2** 19" x 22" | **Item No. 3** 26" x 32" | **Remarks** |
|---|---|---|---|---|---|
| Dove's Pet Shop | 1 | €11.50/10 Bag Pckt | €6.00/10 Bag Pckt | €8.00/10 Bag Pckt | |

Minħabba li kien hemm offerent wieħed għal din il-kwotazzjoni, il-Kamra għażlet lil Dove's Pet Shop bħala l-fornitur għal din il-kwotazzjoni.

***AĠENDA -4***

Ġie preżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena, minn Lulju sa Settembru 2013. Wara diskussjoni fejn l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali fuq il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali, il-Kamra approvat dan ir-rapport.

***AĠENDA -5***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Novembru 2013. Peress li ma kien hemm l-ebda amenda jew oġġezzjoni, il-Kamra qablet li tħallas is-somma ta' €75394.48 skont Skeda Nru. 11/13.

***AĠENDA -6***

1. L-Aġent Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :

   - ġiet aċċettata t-talba għall-fondi taħt Measure 125 sabiex jiġu asfaltati żewġ sqaqien fl-*area* Ta' Sansajna.

   - minħabba li fil-fond tal-UIF hemm €81220.93 madwar €37,000 inqas milli l-Kunsill Lokali jeħtieġ sabiex jagħmel ix-xogħol kollu neċessarju fit-tlett bandli tal-lokal, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kamra sabiex tiddeċiedi liema siti ser tibda x-xogħol fuqhom. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li l-kuntrattur għandu jibda x-xogħol minn Ġnien Mons. Ġużeppi Minuti u jkompli fi Ġnien Profs. Anton Tabone. Hekk kif jitlesta x-xogħol f'dawn iż-żewġ siti, il-Kunsill għandu jerġa' jiddiskuti jekk hux f'pożizzjoni li jsir ix-xogħol fi Ġnien il-Kunsill Lokali. Ix-xogħol għandu jibda hekk kif il-bord tal-UIF japprova l-fondi neċessarji.

   - l-amministrazzjoni qed taħdem sabiex toħroġ is-sejħa pubblika għal ġbir ta' skart mħallat.

- x-xogħol fuq il-*Fixed Asset Register* wasal fil-final u għaldaqstant hemm bżonn li jsiru d-*disposals* neċessarji tal-assi li m'għadhomx eżistenti. Kulħadd qabel.

- ġie preżentat ir-rendikont ta' 'Jum L-Anzjan tas-Sena 2013' fejn id-dħul kien ta' €573.50 u l-ħruġ kien ta' €728.00. Għaldaqstant il-Kamra approvat diskrepanza ta' €154.50.

- l-Federazzjoni Għaqdiet Birżebbuġa wriet ix-xewqa sabiex kull tlett xhur ikollha laqgħa mal-Kunsill Lokali li tkun miftehma minn qabel. Il-Kamra laqet dan is-suġġeriment u l-laqgħat għandhom jibdew isiru kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar, kull tlett xhur.

2. Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fuq ix-xogħol li qed isir fil-Bajja s-Sabiħa. Minħabba d-dewmien imprevist fuq din it-triq is-settur kummerċjali talab lill-Kunsill Lokali sabiex għall-żmien il-festi t-triq tinfetaħ, sabiex il-ħwienet ma jkomplux isofru minn nuqqas ta' kummerċ. Wara din it-talba, rappreżentanza tas-sidien tal-ħwienet ser tiltaqa' ma' delegazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex tiġi diskussa l-aħjar soluzzjoni għal kulħadd.

- informa l-Kamra li minħabba li l-Kunsill wasal biex jibda joffri s-servizzi soċjali minn uffiċċju ġewwa l-Kunsill Lokali, inxtrat vetrina tissakkar sabiex dokumenti li jħallu l-impjegati tas-servizzi soċjali fl-uffiċċju jiġu merfugħa f'din il-vetrina. Kulħadd qabel.

3. Il-Viċi Sindku, is-Sur K.Barun :

- ressaq suġġeriment ta' kumpanija privata sabiex tiġi installata *webcam*. Il-Kamra ma laqetx dan is-suġġeriment minħabba li jinvolvi spiża finanzjarja.

- fakkar lill-Kamra li l-artikli għall-*magazine* tal-Kunsill Lokali għandhom jaslu għandu mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar.

- talab il-kumitat tat-traffiku sabiex jiddiskuti l-immaniġġjar tat-traffiku għall-Triq Tal-Ġebel u l-madwar.

- saħaq li l-Kunsill Lokali għandu jagħmel aktar *pressure* fuq id-*dredging* li kontinwament isir fil-Bajja s-Sabiħa mill-Port Ħieles.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fuq sistema ta' lqugħ ta' ilma li tinsab f'Cardiff. Issuġġerixxa li l-Kunsill Lokali għandu jibda jqis proġett simili għall-problema ta' lqugħ ta' ilma baħar fit-triq fl-*area* ta' San Ġorġ.

4. Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

- rega' fakkar li Triq Birżebbuġa għadha ma ġietx *reinstated* wara li sar ix-xogħol min-naħa tal-Enemalta. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li x-xogħol min-naħa tal-Enemalta se jsir fil-ġimgħa li ġejja.

5. Il-Kunsillier, is-Sur S. Zammit :

- fakkar li kien ġie miftiehem li kellhom jitwaħħlu *cameras* bi prova fi Ġnien il-Kunsill Lokali. C.Cachia irrimarka li għalkemm kien ftiehem mal-kuntrattur biex jitwaħħlu dawn il-*cameras*, baqa' ma sar xejn. C.Cachia se jieħu ħsieb u jara li dan ix-xogħol isir.

- staqsa sabiex jingħata aktar informazzjoni fuq l-irwol tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa fi ħdan il-GAL Xlokk.

- informa lill-Kamra li qed issir l-aħħar analiżi min-naħa ta' TM sabiex tittieħed deċiżjoni fuq installazzjoni ta' *speed cameras* fi Triq Għar Dalam. Ukoll skont tweġiba li ingħatat għall-mistoqsija parlamentari, TM se jkunu qed jasfaltaw diversi partijiet ta' Triq il-Port Ħieles fit-18-il xahar li ġejjin.

- informa lill-Kamra li sakemm jiġi ffinalizzat il-programm ta' fondi tal-EU 2014 – 2020 jinsab kollox wieqaf f'dak li għandu x'jaqsam ma' applikazzjonijiet.

- talab l-approvazzjoni tal-Kamra sabiex jinbeda l-proċess għall-installazzjoni ta' lampa ġdida fi Triq id-Dar ta' Pultu. Kulħadd qabel.

- gibed l-attenzjoni tal-Kamra li kull meta tagħmel ix-xita qed jittripja d-dawl tax-xatt minħabba toqob li hemm fil-*promenade*, li l'quddiem għandhom iservu sabiex jiġi nstallat dawl mill-art. Is-Sindku ssuġġerixxa li dawn għandhom jiġu ssiġillati sew sabiex ma ssirx aktar ħsara. Kulħadd qabel.

- talab informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet għall-attivitajiet Kulturali 2014. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kamra li ż-żewġ applikazzjonijiet ġew sottomessi fil-ħin sabiex isiru żewġ attivitajiet nhar is-Sibt, 28 ta' Ġunju 2014 u l-Ħadd, 29 ta' Ġunju 2014.

***Għeluq***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar il-Ħamis, 23 ta' Jannar 2014 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **..........................................** | **...............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżk.** |